MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 272/2007

**Jason Micallef (ID 148771M)**

**Vs**

**Alexander Attard**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundanat li jhallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti, tiddetermina ai termini ta' l-Att dwar l-Istampa, bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta, bhala Editur tal-gurnal in-Nazzjon, f'artikolu intestat 'Gvern tal-Laburisti jaqdi biss lil tal-qalba' pubblikat fil-harga tal-gurnal In-Nazzjon tat-tnejn 20 ta' Awissu, 2007, u b'artikoli ohra ppublikati fil-hargiet tal-istess gurnal tat-tlieta 21 ta' Awissu, 2007, l-erbgha 22 ta' Awissu, 2007, il-hamis 23 ta' Awissu, 2007 u hargiet ohra, ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-istess attur bil-ghan li jtelfu jew inaqqaslu r-

reputazzjoni tieghu, meta allega li waqt attivita politika huwa ghamel dikjarazzjonijiet fis-sens li ried Gvern laburista li jimxi b'diskriminazzjoni u l-vendikazzjonijiet u li jkun Gvern ghall-laburisti tal-qalba biss u li jwarrab nies li huma tajbin minhabba li ma jkunux tal-qalba, meta bil-maqlub, l-attur qal u enfasizza li ried Gvern tal-Maltin u l-Ghawdxin kollha u ghalhekk Gvern tal-laburisti illi jwettaq il-gustizzja.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut huwa ngunt li jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha espona bir-rispett :

1. Preliminarjament, in-nullita' tar-rikors promotur billi huwa dwar tlett pubblikazzjonijiet differenti b'suggetti u ghalhekk ma setghax isir f'rikors wiehed.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-meritu, l-pubblikazzjonijiet in kwistjoni mhux libelluzi billi jikkonsistu f'espressjoni ta' opinjonijiet dwar fatti li huma sostanzjalment korretti u ta' interess pubbliku u ghalhekk protetti mill-Ligi, mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea.

3. Illi l-esponenti jirriserva li jghati eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-attur jispecifika ezattament liema partijiet tal-pubblikazzjonijiet huma malafamanti.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel (1) eccezzjoni li hi ta' natura preleminari.

<u>Ikkunsidrat</u>

<u>Illi</u>, kif jidher a fol 14 sa fol 23 tal-atti, l-attur qed jallega illi l-konvenut, bhala editur tal-gurnal 'In-Nazzjoni Taghna' ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront

tieghu meta l-konvenut allega li waqt attivita' politika huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet kif specifikati fl-istess rikors promotur u allegatament risultanti mid-dokumenti esebiti in atti, kif digja inghad. Illi minn esami ta' dawn id-dokumenti jidher li dan il-kaz trattasi ta' diversi hargiet ta' l-istess gazzetti li, pero', huma fondati fuq l-istess mertu ossija dak li allegatament qal l-attur f'attivita' politika wahda.

Illi, konsegwentament, il-Qorti tara illi l-attur kien korett meta ppresenta ir-rikors in esami peress li trattasi, fis-sustanza, ta' pubblikazzjonijiet konessi bejniethom minhabba l-mertu u s-suggett ossija materja trattati fihom. Illi, ghalhekk, u apparti kull konklusjonijiet in rigward ekonomika fil-guridizzju, l-istess Qorti tara li r-rikors in esami, bl-ebda mod ma hu null.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni preleminari in esami u tordna li dan il-kaz jitkompla fil-mertu tieghu billi jigu konsiderati wkoll l-eccezzjonijiet ohrajn, sottomessi mill-konvenut. Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------